# Paċi u Ġid

No. 85: Ottubru 2016

## "Alla hu Mħabba"

" Fih kollox jitkellem dwar il-ħniena. M'hemm xejn fiH li m'għandux ħniena."

Papa Franġisku





## Il-messaġġ tal-Madre Provinċjali
## Sr Josephine Xuereb

Għeżież qarrejja,

Il-Mulej jagħtikom is-sliem! Ix-xahar t'Ottubru jerġa' jpoġġina fir-rutina tal-iskola. Ħafna nies ikunu aljenati jfittxu jlestu l-kotba u l-pitazzi tat-tfal filwaqt li jridu jkomplu max-xogħol tagħhom. Żgur li f'dan kollu nużaw il-prijorità. L-istess għandna nagħmlu fil-ħajja nisranija. Spiċċajt il-messaġġ tas-sena skolastika bil-ħsieb li l-ħajja nisranija m'għandhiex vaganzi u fil-bidu ta' din is-sena nixtieq nipproponi mezzi biex inkunu nistgħu ngħixu l-ħajja tagħna ta'nsara b'serjetà u impenn.

Tajjeb li parti mill-programm tagħna ndaħħlu l-quddiesa tal-Ħadd u meta huwa possibbli mmorru kuljum kif ukoll is-sagrament tal-qrar b'mod regolari u mhux tal-okkażjoni. It-talba tar-rużarju tgħaqqad il-familja kif ukoll b'mod regolari l-qari mill-Bibbja. F'kelma waħda bħalma nieħdu ħsieb il-ġisem tagħna hekk ukoll għandna nieħdu ħsieb ta' ruħna. Il-Malti jgħid 'il-kelma tqanqal imma l-eżempju jkaxkar'. Irridu nkunu aħna biex ngħinu lil uliedna sabiex dak li jitgħallmu fl-iskola nkomplu npoġġuh fil-prattika fil-familja.

Jalla din is-sena tiswa għal kull wieħed u waħda minna mixja aktar profonda m'Alla biex pajjiżna jgawdi minn familji nsara ta' vera. Paċi u Ġid lil kulħadd!

*************************************************************************



# L-aqwa ħniena!



**Patri Mario Attard OFM Cap**

Kellna l-Kapitlu Provinċjali tal-Patrijiet Kapuċċini. Iċċelebrajnieh! Għaliex grazzja! Hija grazzja li tgħix mal-aħwa! "Kemm hi ħaġa sabiħa u ħelwa, li l-aħwa jgħammru flimkien!" (Salm 133:1).

Hawn jien! Mort għall-Kapitlu. Ħadt sehem fih. Tħaddidt. Kien hemm min qabel miegħi u min le. U int, fil-familja, tistenna li se jaqbel miegħek kulħadd? Ma naħsibx! L-importanti hu li tħadditna lkoll flimkien. Li smajna lil xulxin. Staqsejna għall-kjarifika. Fejn stajna naqblu qbilna. Fejn le ma jimpurtax. B'daqshekk ma waqgħetx id-dinja!

Imbagħad ġejna għall-viżta tal-Provinċjal. Li beda jdur il-fraternitajiet tagħna. Ħa jiltaqa' magħna. Ikellimna. U aħna nitħaddtu miegħu. U, hawn hu r-riżultat sabiħ taż-żjara tal-Provinċjal, l-ubbidjenzi. Mela wara s-smiegħ issa ġiet il-missjoni. U x'missjoni hi din? Ta' paċi, ta' ġid, ta' ħolqien ta' Fraternità. Kif riedna Missierna San Franġisk, li nkunu aħwa. Kullimkien!

Imma dan xi jfisser? Xejn għajr li nxettlu l-ispirtu tal-vanġelu kull fejn inkunu. Fuq il-passi ta' San Franġisk! L-għaliex Ġesù, lill-appostli, kien hu li bagħthom iduru mal-poplu ta' Iżrael. Bil-għan li jdaħħalhom fis-Saltna tas-Smewwiet permezz tagħhom. Hemm silta dwar dan li tassew inħobb nikkwotaha. L-għaliex taffaxxinani! Sabiħa ħafna! Din is-silta kienet fil-qalb ta' San Franġisk Missierna!



"Lil dawn it-tnax Ġesù bagħathom b'dawn l-ordnijiet: 'Taqbdux triq il-pagani, u tidħlux f'belt tas-Samaritani : imma qabel xejn morru fittxu n-nagħaġ il-mitlufa tad-dar ta' Iżrael. Intom u sejrin, xandru u għidu li s-Saltna tas-Smewwiet waslet. Fejjqu l-morda, qajjmu l-mejtin, fejjqu l-lebbrużi, keċċu x-xjaten. B'xejn ħadtu, b'xejn agħtu. Tfittxux li jkollkom flus fuqkom, la tad-deheb, la tal-fidda u lanqas tar-ram; u la ħorġa għat-triq, la żewġ ilbiesi, la qrieq u lanqas ħatar, għax il-ħaddiem ħaqqu ħobżu. Fil-bejt jew raħal fejn tidħlu, araw ikunx hemm min jixraqlu tmorru għandu, u ibqgħu f'daru sa ma titilqu minn hemm. Meta tidħlu f'dar, sellmu lin-nies tagħha, u jekk tkun dar li jixirqilha, ħa jiġi fuqha s-sliem tagħkom. Imma jekk tkun dar li ma jixirqilhiex, ħa jerġa' lura għandkom is-sliem tagħkom. Jekk imbagħad xi ħadd ma jilqagħkomx u ma jismax minn kliemkom, oħorġu 'l barra minn dik id-dar jew belt u farfru t-trab ta' saqajkom. Tassew, ngħidilkom, li jum il-ħaqq ikun eħfef għal Sodoma u Gomorra milli għal dik il-belt'" (Mt 10 :5-15).

Hemm hu Ġesù! Jridna mmorru ma' kullimkien! Biex, kulfejn inkunu, inressqulu n-nies lejh. Le! M'għandniex għalfejn noħolmu kbir tafux! Imqar lill-ħabiba tiegħi, li taf tiġi l-istess skola miegħi. Dik ukoll għandha bżonn inressaqha lejn Ġesù billi ngħaddilha kelma ħa tmur dik il-quddiesa kuljum. Imbagħad lill-ħabiba l-oħra, forsi li toqgħod faċċata tiegħi, iridni nfejjaqha billi ngħidilha, bi kliemi u għemili, kelma waħda: "Ġesù jħobbok!"



Imbagħad lill-oħra, li tant kemm hija rrabjata l-għaliex xi ħadd għamlilha xi ħaġa u biha weġġagħlha qalbha, imsejħa li nħeġġiġha taħfer. Forsi hawnhekk l-aktar ħaġa sabiħa li nista' nagħmlilha hija li nitlobha maħfra jiena stess kull darba li stajt weġġajtilha qalbha b'xi kelma. Inkella b'xi għemil. Anki dawk li ma kellix intenzjoni li ngħidilha jew nagħmlilha. U mhux kulħadd jiżbalja! U, fl-aħħarnett, biex inħalli lil Ġesù jużani m'għandnix

għalfejn ikolli l-flus. Jew ħafna ġugarelli. Le! Lanqas xejn! Imqar b'dik it-tbissima ħierġa minn qalbi għal kulħadd! O x'ġid kbir tista' tagħmel din it-tbissima ħbieb! Ma tiswiex flus imma tiswa' qalb li tagħtiha u daqstant ieħor qalb li tirċevieha!

Jalla ħajti ssir din it-talba ta' San Franġisk:

| | |
|---|---|
| Mulej agħmilni strument tal-paċi tiegħek. | La tħallix li iżjed infittex li nkun imfarraġ |
| Fejn hemm il-mibgħeda, | milli nfarraġ jien; |
| ħallini nħeġġeġ l-imħabba; | la tħallix li iżjed jifhimni ħaddieħor |
| fejn hemm il-ħtija, | milli nifhem lil ħaddiehor jien; |
| ħallini nferrex il-maħfra; | la tħallix li iżjed ikun maħbub, |
| fejn hemm id-dubbju, | milli nħobb jien. |
| ħallini ndaħħal il-fidi; | |
| fejn hemm il-qtigħ il-qalb, | Għax meta nagħtu, |
| ħallini nqawwi t-tama; | aħna naqilgħu. |
| fejn hemm id-dlam, | Għax meta naħfru, |
| ħallini nkebbes id-dawl; | aħna nkunu maħfura. |
| fejn hemm in-niket; | Għax meta mmutu, |
| ħallini nxerred il-ferħ. | nqumu għall-Ħajja ta' dejjem. |

Kollox bis-sempliċità! Bl-imħabba! U, kif tant tgħallimni tajjeb il-Venerabbli Madre Margerita: Ejja nħobb l-Imħabba! Ejja nxerred ma' kullimkien il-fwieħa tal-paċi! Hijiex din l-aqwa ħniena?

****************************************************************************************






Ta' kull sena, il-grupp tas-sorjiet li jinsabu fil-formazzjoni, Sr Anita-Jane, Sr Matlene u Sr Anne Marie, flimkien ma' Sr Elaine Spiteri, jingħaqdu mal-Patrijiet u l-lajċi Franġiskani sabiex iħabbru l-Bxara t-tajba lir-raħal fejn ikunu qegħdin iżuru. Din is-sena kien imiss li ż-Żjara Franġiskana ssir ġewwa l-Paroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem, B'Kara. F**l-Aħbar Nru. 210** tal-Patrijiet Minuri nsibu l-esperjenza tal-Aħwa Franġiskani - Patrijiet, Sorijiet u Lajċi Franġiskani (OFS) - dwar din iż-żjara li ħalliet diversi frott fi ħdan il-Paroċċa.



**<u>Ħidma mal-kappillan u mal-helpers</u>**

Sibna ħafna kollaborazzjoni min-naħa tal-kappillan, Fr. Josef Mifsud, mill-Viċi kappillan Fr. Anthony Fitzpatrick u l-helpers li huma sabu biex jieħdu ħsieb il-bżonnijiet materjali tagħna. Konna niltaqgħu ta' kuljum mal-kappillan u ma' Fr. Anthony biex nitkellmu dwar l-andament taż-Żjara. Il-helpers kienu dejjem ikunu qabilna u jispiċċaw warajna. Din is-sena P. Walter u Fra Ramon raqdu fid-dar parrokkjali flimkien mal-kappillan, Fr. Josef Mifsud.Laqagħhom b'idejh miftuħa.







*Waqt il-mument ta' talb mal-membri tal-Kunsill Pastorali Parokkjali u l-membri tas-Soċjetà tal-MUSEUM.*



**<u>Lectio Divina fil-Familji</u>**

Nhar il-Ġimgħa 29 ta' Lulju jiena Sr. Anne Marie kont involuta f'waħda mill-Lectio Divina li saret fil-familji. Fil-familja li aħna morna, kellna grupp ta'għaxar min-nies li ħadu sehem b'mod sħiħ waqt dan il-mument ta' talb. Kienet esperjenza sabiħa ħafna anke għall-fatt li bl-għajnuna ta' Fr. Clive jiena ġejt mogħtija l-esperjenza li nagħti sehemi b'mod aktar attiv waqt dan il-mument ta' talb. L-esperjenza li twassal il-Kelma t'Alla lin-nies tatni entużjażmu ġdid li bih qiegħed jgħinni biex jiena nuża din il-forma ta' talb iktar spiss fil-ħajja tiegħi. Il-ferħ u l-entużjażmu li bih laqgħuna l-familja li konna għandha kien diġa' biżżejjed biex jimlieni bil-kuraġġ. Din kienet l-ewwel esperjenza tiegħi li nkun qiegħda ngħin fit-tmexxija ta' din it-talba u warajha naħseb li b'kuraġġ kbir nitħeġġeġ biex nerġa' nagħmilha.



*Tħejjija għal-laqgħa mal-adoloxxenti*





*Il-Mandat waqt il-Quddiesa tal-ftuħ taż-Żjara Franġiskana.*

**<u>Liturġija u Żjajjar fid-djar</u>**

Jien Sr Anita-Jane matul din il-ġimgħa taż-Żjara Franġiskana għent b'mod attiv fl-animazzjoni tal-Liturġija tas-Sigħat. Kif wkoll fiż-żjajjar fid-djar. L-animazzjoni tat-talb fil-knisja parrokkjali għeni biex nirbaħ il-biża' u b'iktar kuraġġ immexxi lin-nies, li mhux soltu jitolbu din it-talba, b'mod aktar kalm. Iż-żjajjar fid-djar kienet esperjenza li għenitni mmiss ir-realtà tan-nies, spiss imweġġa' u li tinsab f'diffikultajiet kbar. Kelli wkoll l-esperjenza li nakkumpanja lil P. Joseph Magro fit-tqarbin lill-morda fid-djar. Hawn laqtitni l-ħerqa li urew dawn l-anzjani filli jistennew l-Ewkaristija biex ikunu jistgħu jitqarbnu.





*Animazzjoni waqt it-talba tal-Għasar*



*Ħruġ għaż-żjajjar fid-djar lill-morda*



**<u>Laqgħa tal-adoloxxenti</u>**

Il-Ġimgħa filgħodu sar seminar għall-adoloxxenti li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof fil-parroċċi ta' San Ġużepp Ħaddiem u Sta Liena. Kien mument interessanti ħafna kemm għall-adoloxxenti li ltqajna magħhom u wisq aktar għalina. Waqt il-ħin tal-attività l-adoloxxenti kellhom ikunu kreattivi u joħolqu siġra permezz tat-tpinġija. Hawn ħarġu d-differenzi fl-għażliet tagħhom u l-modi differenti ta' kif huma ħadmu flimkien. Hekk ukoll is-sejħa għall-ħajja reliġjuża, hija għażla fost il-ħafna oħrajn. L-adoloxxenti kellhom ħin biex jistaqsuna dwar il-ħajja ta' patri u soru. Naħseb li dan il-mument għinna nsiru nafu aktar min aħna u għin lilhom biex ineħħu xi ideat żbaljati li forsi seta' kellhom dwarna.

**<u>Il-Penitenzjal</u>**

Il-mument tat-talb waqt l-Att Penitenzjali kien wieħed li saħħaħ il-ħidma kollha fi ħdan din il-parroċċa. Meta wieħed jitkellem dwar il-maħfra kbira t'Alla jista' jagħti l-kas li min qed jisma' jiddubita xi ftit, però permezz tas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni li seħħ waqt dan il-mument, setgħet tinħass il-paċi u s-serħan ta' kull persuna. Kien hemm parteċipazzjoni sabiħa min-naħa tal-parruċċani u dan kien għalina ta' kuraġġ.



*L-Aħbar mill-Provinċja S.Pawl Appostlu-Malta*
*Awwissu 2016 Nru.210*

# Rokna għat-tfal



### Tiftixa N.3

# Il-Parabbola tal-Iben il-Ħali

**(ara Luqa 15:11-32)**

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | B | B | D | M | S | Q | L | I | K | T | N | Ċ | Q | M | N | I | R | Ż | Ż |
| G | R | I | U | A | I | O | A | A | Ħ | E | A | A | F | I | S | L | E | I | A |
| K | Ġ | J | R | R | Ġ | T | L | S | U | G | L | T | J | S | T | D | Ż | E | Q |
| E | R | R | J | O | R | A | L | R | S | E | E | M | B | S | A | N | E | N | Q |
| N | A | M | Ħ | A | V | A | S | U | T | M | Ħ | I | T | I | B | A | I | J | U |
| B | N | G | N | R | T | S | Ħ | R | F | T | I | O | M | E | N | S | N | A | R |
| I | E | Y | A | S | A | M | E | J | J | E | T | L | R | R | K | D | Ħ | S | I |
| N | T | N | E | Ħ | Ċ | U | R | K | E | T | T | B | H | U | S | E | I | B | Ħ |
| Z | T | F | T | A | Ħ | G | R | I | J | Q | A | M | S | O | Z | X | N | I | G |
| I | T | E | Ħ | E | T | X | N | I | H | Q | A | T | L | E | M | Ħ | U | L | Ż |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| BERBAQ | SARR | TELAQ | QAM | GĦOĠOL | QASSMILHOM |
| DNIBT | ŻAQQU | MTAJJRA | KELMTEK | SANDLI | ĦNIEŻER |
| ĠID | BIESU | JIRGĦA | ŻIENJA | LEMĦU | ĠRANET |
| ĦELA | FESTA | MIEGĦI | ĦARRUB | IBNEK | MITLUF |
| INXTEĦET | ŻGĦIR | ĊURKETT | LIBSA | MISSIERU | MEJJET |

| | | |
|---|---|---|
| LAVRANTI | TĦASSRU | NSTAB |

Isem :________________________

Kunjom:______________________

Klassi:_______________________

Skola:________________________

**Prosit lil kull min ħa sehem fil-kompetizzjoni Paċi u Ġid No.84 ta' Ġunju 2016 u r-rebbieħa hija: Lindsey Micallef (Yr 3, St Francis B'Kara).**

Ir-rebbieħ/a tal-kompetizzjoni qed j/tingħata ktieb. Ir-rebbieħ/a jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mis-17 ta' Novembru 2016. Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'dan l-indirizz:

Kompetizzjoni 'Paċi u Ġid'
Triq Nazju Falzon,
L-Imsida, MSD 1720

jew

ħallu t-tweġibiet tagħkom fl-iskejjel tas-St. Francis (Msida, Bormla, B'Kara jew Rabat Għawdex).

# Nintelqu kollna kemm aħna f'dak il-Ħdan ta' Missier, fejn jinsab dak kollu li l-imsejkna ruħ tagħna tista' tixtieq u teħtieġ.

***Venerabbli Qaddejja T'Alla***
***Madre Margerita***



**Sorijiet Franġiskani**
**tal-Qalb ta' Ġesù**
**Provinċja ta' Malta**